*MINUTI*
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
***IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 34***
***28 ta' April 2015 fl-4:00p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:15p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 33 tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

XEWKIJA

2. **Financial Statements 2015**

Kopja tal-Financial Statements tqassmu qabel u gew approvati.

3. **Fiori d'Argenta 2015**

Il-preparamenti li gew diskussi fl-ahhar laqgha rigward l-attivita' tal-Fiori d'Argenta qed isiru. Fuq talba mill-kunsill kien hemm prezenti Mario Borg li ser jghin biex tkun progettata l-istorja tal-170 sena mill-wasla tal-istatwa ta' San Gwann Battista fix-Xewkija. Gie issugerit li jkun hemm madwar 20 minuta storja fuq ix-Xewkija li tkun tidher mal-faccatta tal-Knisja bis-simboli tax-Xewkija ukoll. Il-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' 3,500euro ghal Fiori d'Argenta fuq skema li l-kunsill applika taht Memo 27/2014 - Skema ta' Attivitajit Kulturali.

4. **Bini Gdid tal-Kunsill**

Kien hemm laqgha l-Ministeru ghal Ghawdex fejn kienu mistiedna l-kunsilliera kollha u s-Segretarja Ezekuttiva. Kien hemm prezenti ukoll il-Ministru ghal Ghawdex u rapprezentanti ohra tal-Ministeru. F'din il-laqgha gie diskuss il-progett il-gdid li jinsab quddiem il-Kazin Banda Prekursur fi Triq Santa Katerina, Ix-Xewkija. F'dan il-progett ser jinbena kunsill gdid li l-Kunsill ser ikun responsabbli ghal finishing ta' gew, ghamara, dawl, ilma, lift u spejjes tal-Perit biex jaghmel l-istima. Il-Kunsilliera prezenti qablu kollha fuq dan il-progett. Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet hux ser ikun post akbar min dak li ghandna prezentament. Is-Sindku informa lil kunsilliera prezenti li ser ikun imqassam hafna ahjar u s-Sala li ser ikun hemm ghal l-uzu tal-Kazin tal-Banda ha tkun ukoll utilizzata mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku fhem il-Kunsilliera kif inhi imfassla l-pjanta. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jinhatar il-Perit Stellini fuq dan il-progett. Is-Segretarja infurmat lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali rigward dan il-progett skond il-Memo li l-kunsill ircieva. Id-Dipartiment baghat lura x'dokumenti huma mehtiega u jekk il-kunsill hux f'pozzizjoni li jaghmel dan. Il-Kunsill ha parir fuq dan ma' l-accountant tal-Kunsill.

XEWKIJA

5. **Latrina fi Pjazza San Gwann Battista**

Gie diskuss li id-dawl ikun ta three face minflok single face peress li ikun ta' aktar sahha ghall-lift u jkun jista jintuza ukoll ghal meta l-kunsill ittella xi attivita' fil-Pjazza u jiffranka li jhallas kull darba applikazzjoni.

6. **Affarijiet Oħra**

Is-Sindku nfurma lil kunsilliera li hemm il-bzonn li jinxtraw barriers ghal meta tittella attiva'. Il-kunsill qabel li jinxtraw sitt barriers.

Is-Segretarja nfurmat li t-tender tat-tindif tal-latrina fi Gnien il-Haddiem daqt tiskadi. Il-Kunsillier prezenti qablu li ma tergax tinhareg u jitpoggew il-haddiema li hemm mal-latrini l-ohrajn.

Sar suggeriment minghand il-Kunsillier Domenic Zerafa biex jitbaxxew il-bankijiet li hemm hdejn il-Kapella tal-Hniena peress li huma gholjien. IL-Kunsill qabel ma dan. Il-kunsill qabel ukoll li jinbidlu l-injam li hemm bzonn tal-bankijiet il-miksurin.

Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibet l-attenzjoni li hemm bzonn ta' Patching madwar ix-Xewkija kollha. Il-Kunsill qabel ma dan.

IL-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn li bhal dan iz-zmien issir aktar knis madwar is-sigar li hemm fi Triq widnet il-Bahar. Is-Segretarja ghandha taghmel kuntatt mal-kuntrattur tal-knis.

Il-kunsillier Domenic Zerafa gibet l-attenzjoni fuq in-nahal li hemm fil-gnien ta' Blankas. Is-Sindku infurma lil kunsill li ga ha azzjoni biex dawn jittnehhew malajr.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuggerit li jergghu isiru l-korsijiet tat-tfal tas-sajf bhal tas-soltu u jizdiedu ohrajn li jistghu ikunu ta' interess ghat-tfal. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuggerit fuq talba tan nies tar-rahal li issir gita ghal Sqallija f'Novembru. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

XEWKIJA

Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibet l-attenzjoni li hemm bzonn tigi imnaddfa l-area ta' l-Lambert. Is-Segretarja ser taghmel kuntatt ma dawk kuncernati ma din l-area.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li din is-sena jitnehhew il-kiosks min Triq Guze D'Amato u jitpoggew fi Triq ir-Rotonda u kull sena jinbidlu. Il-Kunsill ghandu jara fuq dan jew inkella jitpoggew tat-toys wara l-knisja.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit ukoll li jinxtara tapit u cushions fil-librerija biex waqt story telling it-tfal ikollhom fejn joqodu. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Kunsilliera prezenti qablu li jigu irrangati t-tapiti fil-playing fields. Il-Kunsilliera prezenti qablu ukoll li jintalbu stima rigward cameras biex jitwahhlu fil-playing fields u hdejn ir-recycling bins. Is-Segretarja ghandha tistaqsi jekk ir-regjun jaghmilx dan is-servizz jew inkella titlob l-ispecifikazzjonijiet fuq dawn minghand l-engineer.

.

## 6 **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza

i. Memo 10/2015 dwar ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsibilita' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li japplika ghal din l-iskema.
ii. Memo 8/2015 dwar Ftehim Kollettiv għal ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016.
iii. Ittra minghandic-chairperson, Steering Committee u Project Leader Adrian Mifsud dwar 'Performance Management programme- Study visit and training in Norway' Dan it-training huwa ghas-Segretarji u Sindki ta' dawk il-kunsilli li gew maghzula. Il-Kunsill tax-Xewkija gie maghzul ghal dan it-training. Il-Kunsill qabel ma dan u l-kunsill ser jigi refunded kollox min dan il-pilot project.

i. Ittra mingħand l-Azzjoni Kattolika tax-Xewkija fuq bejgħ tax-xtieli fl-attivita' tal-Fiori d'argenta. Il-Kunsill qabel ma dan.
ii. Memo 27/2014 Skema ta' Attivitajit Kulturali- il-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' 3,500 ghal Fiori d'Argenta.
iii. Korrispondenza mingħand Kumitat Żgħażagħ Brijuzi Xewkin fuq attivitajiet tal-festa.
iv. Korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Prekursur dwar kolloborazzjoni ta' programm muzikali tal-gimgha tal-festa u rigward banda Ingliza.
v. Korrispondenza mingħand Av. Nadia Vella dwar ħlas għal-attivita li saret fil 'Voluntary Day'. Il-kunsill ser jitlob parrir minghand l-avukata tal-Kunsill.

vi. Ittra minghand Xewkija Tigers Football Club dwar insurance tan-nar ta' l-ajru. Il-kunsill qabel li jithallas parti minnu.
vii. Ittra minghand Kumitat tat-Tigrija Xewkija rigward insurance tat-tigrija. Il-Kunsill qabel li jithallas parti min din l-insurance.
viii. Korrispondenza mingħand il-Federazjoni altija Vetturi Antiki dwar attivita'.
ix. Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar attendenza tas-seminar tal- Green Public Procurement. Is-Segretarja ser tattendi din il-laqgha.
x. Cirkulari dwar Mistoqsija Parlamentari numru 15357.
xi. Korrispondenza mingħand Employment & Training Corporation talba għall-laqgħa fil-lokalita' tagħna ma persuni b'diżabilita'.
xii. Korrispondenza mingħand KDF dwar iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju "Familja tal-Qalb'..
xiii. Ittra mingħand MSDEC dwar awareness campaign.
xiv. Korrispondenza mingħand d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Kaz ru 205/15 –Laqgħat tal-Kunsill fil-ġurnata tas-Silenzju.
xv. Ittra mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża.
xvi. Memo 7/2015 dwar laqghat tar-Regjuni
xvii. Ittra mingħand Animal Guardians Malta laqgħa.
xviii. Memo 6/2015 dwar Depozitar ta' Flus fil-Kont tal-Bank tal-Kunsill Lokali.
xix. Korrispondenza mingħand OPR dwar biex jiġu nnominati nies li qed jieħdu ħsieb persuni vulnerabbli.
xx. Korrispondenza dwar il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2015.
xxi. Memo 9/2015 dwar Kodici ta' Etika ghar-rapprezentanti eletti tal-Gvern Lokali
xxii. Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar Tqassim ta' cards tal-passiġġieri tat-trasport pubbliku.
xxiii. Ittra minghand Joe Louis Xiberras rigward loghob Gioci Senza Frontieri fl-attivita' Fiori d'Argenta. Il-Kunsill qabel li dawn il-loghob jkunu parti mill-program tal-Hadd 14 ta' Gunju fil-Fiori d'Argenta.
xxiv. Ittra minghand MCA dwar Internet Banking initiative.
xxv. Occupational Health and safety report minghand Victor Vella rigward il-latrina fil-Pjazza San Gwann Battista.
xxvi. Ittra minghand Stage Malta dwar unpaid internship request.
xxvii. Ittra minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar ftuh tal-ufficini amministrattivi f'Sibt il-Ghid u fil-jum l-elezzjoni tal-kunsilli Lokali.

7. **Kontijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti. Il-kunsill qabel ukoll li jsir pagament iehor fuq il-kont pendenti tal-PPP wara li jigi diskuss mal-accountant tal-Kunsill. Fuq il-Kont tad-dawl u l-ilma tal-Latrina fil-Playing Field fi Triq il-Hamrija il-Kunsill ghadu jistena risposta mill-board. Fuq il-kont

XEWKIJA

tal-Latrina fi Gnien il-Haddiem il-Kunsill ser jiehu parrir legali minghand l-avukata tal-Kunsill.

8. **Ilmenti u Suggerimenti**

Suggeriment minghand resident fi Triq il-Knisja biex issir speed hump. Il-Kunsill ghandu jara fuq dan fuq il-post.

9. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m. Il-Laqgħa ta' Mejju ser issir fl-20 ta' Mejju fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |